31985R0225

L 29/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 1.2.1985

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 225/85
tad-29 ta' Jannar 1985
li jipprovdi ċerti miżuri speċifiċi dwar l-arranġamenti speċjali għas-sajd applikabbli għal Greenland

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu, u l-Artikolu 1(2) tal-Protokoll dwar arranġamenti speċjali għal Greenland,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi t-Trattat li jemenda, fir-rigward ta' Greenland, it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej, iqiegħed lil Greenland taħt l-arranġamenti għall-assoċjazzjoni ta' pajjiżi barranin u territorji mniżżla f'Taqsima Erbgħa tat-Trattat; billi l-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar arranġamenti speċjali għal Greenland ilaqqa' t-trattament ta' l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd minn Greenland mal-possibiltà ta' aċċess għall-ibħra tas-sajd ta' Greenland mogħti lill-Komunità taħt l-arranġament tas-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, mill-parti l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern lokali ta' Greenland, mill-parti l-oħra, approvat bir-Regolament (KEE) Nru 223/85 [2];

Billi aġġustamenti għar-rabtiet tal-Partijiet u s-sospensjoni tal-Ftehim dwar is-sajd hemm provediment dwarhom fl-imsemmi Ftehim u l-Protokolli li għalihom jirreferi l-Artikolu 2(1) ta' l-istess;

Billi proċedura xierqa għandha għalhekk tkun esiġita għall-implimentazzjoni ta' dan is-sett ta' dispożizzjonijiet,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT

L-Artikolu 1

Id-Deċiżjonijiet fir-rigward tas-segwenti għandhom jittieħdu skond il-proċedura li għaliha jipprovdi l-Artikolu 2:

(a) aġġustamenti ta' l-obbligazzjonijiet tal-Komunità taħt il-Protokolli li għalihom jirreferi l-Artikolu 2(1) tal-Ftehim dwar is-sajd;

(b) sospensjoni tal-Ftehim dwar is-sajd kif jipprovdi l-Artikolu 10 ta' dan;

(ċ) fil-każ ta' dik is-sospensjoni, miżuri xierqa li jkopru t-trattament dwar l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd li joriġinaw minn Greenland.

L-Artikolu 2

1. Fil-każijiet li għalihom jirreferi l-Artikolu 1, il-Kummissjoni, waqt li taġixxi fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, għandha tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa, li għandhom ikunu nnotifikati lill-Istati Membri u għandhom ikunu japplikaw b'effett immedjat.

Kull Stat Membru jista' jirreferi lill-Kunsill dik il-miżura tal-Kummissjoni. Il-Kunsill jista' b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew iħassar dik il-miżura.

2. Il-miżuri għandhom jitħassru skond il-proċedura esiġita fil-paragrafu 1 malli l-konsultazzjonijiet li għalihom jipprovdi l-Ftehim dwar is-sajd ikun ippermetta li jiġi ristabbilit bilanċ.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jemenda, fir-rigward ta' Greenland, it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Jannar 1985.

Għall-Kunsill

Il-President

G. ANDREOTTI

[1] ĠU C 172, tat-2.7.1984, p. 83.
[2] ĠU L 29, tad-29.1.1985, p. 8.